MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 224/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C – 2833)**

**vs**

**Josef Schembri
(K.I. Nru. 433481M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' disa' mija u disgha u erbghin Euro u erbatax-il centezmu (€949.14), rappresentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 sa A2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Frar, 2009, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar, 2007 (Dok. B) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba.

Illi, nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta’ attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skont il-ligi, anness mal-Avviz tat-Talba, immarkat Dok. C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ disa’ mija u erbgha u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€949.14), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------